MALTA

# QORTI TAL-MAGISTRATI (GHAWDEX) BHALA QORTI TA' GUDIKATURA KRIMINALI

## MAGISTRAT DR. CONSUELO-PILAR SCERRI HERRERA

Seduta tat-22 ta' Gunju, 2006

Numru. 23/1997
Kawza Numru. 101

**Il-Pulizija**
**Supretendent Neil Harrison**
**v**

**ANTHONY JOSEPH PORTELLI**

**Il-Qorti;**
Rat li l-imputat **ANTHONY JOSEPH PORTELLI** ta' tlieta w ghoxrin sena, bin Anthony u Josephine nee Calleja, imwieled H'Attard nhar l-hdax ta' Dicembru, 1975 u joqghod 21A, Triq Cassarino, Bugibba, detentur tal-karta tal-identita numru 82674M, gie mressaq quddiemha akkuzat talli f'dawn il-Gzejjer fil-hmistax ta' Awissu 1997 u fl-ahhar tlettax il-xahar qabel din d-data, b'diversi atti maghmulin fi zminijiet differenti u li jiksru l-istess disposizzjoni tal-ligi u li kienu maghmulin b'risoluzzjoni wahda;

a. Ittraffika, biegh, qassam jew offra li jittraffika, ibiegh jew iqassam medicina piskotropika u ristretta [ecstasy] minghajr awtorizzazzjoni specjali bil-miktub mis-Supretendent tas-Sahha Pubblika, bi ksur tad-disposizzjonijiet tal-Ordinanza Dwar il-Professjoni Medika u l-Professjonijiet li ghandhom x’jaqsmu maghha Kap 31 tal-Ligijiet ta’ Malta u r-Regolamenti dwar l-Kontroll tal-Medicini, Avviz Legali 22 tal-1985 kif emendati;

b. Talli kellu fil-pussess tieghu medicina piskotropika u ristretta [ecstasy] minghajr awtorizzazzjoni specjali bil-miktub mis-Supretendent tas-Sahha Pubblika, bi ksur tad-disposizzjonijiet tal-Ordinanza Dwar il-Professjoni Medika u l-Professjonijiet li ghandhom x’jaqsmu maghha Kap 31 tal-Ligijiet ta’ Malta u r-Regolamenti dwar l-Kontroll tal-Medicini Avviz Legali 22 tal-1985 kif emendati, liema medicina nstabet f’tali cirkostanzi li ma kienetx ghal uzu esklussiv tieghu;

c. talli kellu fil-pussess tieghu d-droga kokaina, specifikata fl-ewwel skeda tal-Ordinanza Dwar il-Medicini Perikoluzi Kap 101 tal-Ligijiet ta’ Malta meta ma kienx fil-pussess t’awtorizzazzjoni ghall-importazzjoni jew ghall-esportazzjoni mahrug mit-Tabib Principali tal-Gvern skond d-disposizzjonijiet tar-raba w s-sitt taqsima tal-Ordinanza u meta ma kienx bil-licenzja jew xort’ohra awtorizzat li jimmanufattura jew jforni d-droga msemmija u meta ma kienx b’xi mod iehor bil-licenzja tal- President ta’ Malta li jkollu d-droga msemmija fil-pussess tieghu u naqas li jipprova li d-droga msemmija giet fornuta lilu ghall-uzu tieghu skond r-ricetta kif provdut fir-regolamenti imsemmija u dan bi skur tar-regolament 8 tar-regoli tal-1939 dwar Kontroll Intern tad-Drogi Perikoluzi Kap 101 tal-Ligijiet ta’ Malta.

d. Talli bhala ufficjal pubbliku ikkommetta dawn r-reati li huwa kellu jissorvelja biex ma jsirux jew minhabba l-kariga li huwa kellu fi dmir li jimpedixxi.

e. Talli fil-hmistax ta’ Dicembru 1997 kellu fil-pussess tieghu *harpoon* minghajr licenzja tal-Pulizija.

Il-Qorti giet mitluba sabiex barra milli tapplika l-piena skond l-ligi, tordna lil imputat sabiex ihallas l-ispejjes li ghandhom x'jaqsmu mal-hatra tal-esperti ai termini tal-artikolu 533 tal-Kap 9 tal-Ligijiet ta' Malta.

Rat d-dokumenti kollha esibiti fosthom iz-zewg noti tal-Avukat Generali datati dsatax ta' Awissu 1997 mahruga bis-sahha tas-sub artikolu 2 tal-artikolu 22 tal-Ordinanza dwar il-Medicini Perikoluzi [Kap 101] u bis-sahha tas-sub artikolu 2 tal-artikolu 120A tal-Ordinanza dwar il-Professjoni Medika u l-Professjonijiet li ghandhom x'jaqsmu maghha (Kap 31), il-konrt'ordni tal-Avukat Generali mahrug nhar t-tlieta ta' Lulju 1989 bis-sahha tal-istess artikolu 22(2) u 31 tal-Kap 101, l-artikoli mibghuta mill-Avukat Generali fl-istes jum tat-tlieta ta' Lulju 1989 sabiex din il-Qorti fil-kompetenza taghha ta' Gudikatura Kriminali tiggudika lil imputat skond dak li hemm mahsub fl-artikolu 18 u 141 tal-Kodici Kriminali u l-kontr'ordni mahrug fis-sebgha ta' Dicembru 2005 bis-sahha tal-artikolu 120A(2C) tal-Kap 31.

Semghet lix-xhieda prodotta mill-prosekuzzjoni u lil imputat jixhed minn jeddu b'mod volunarju.

Semghet t-trattazzjoni tal-partijiet fis-seduta tal-erbgha ta' Mejju 2006.

Ikkunsidrat:

Illi nhar l-hamsa ta' Setembru 1997 **xehed l-allura Spettur illum Supretendent Neil Harrison** [fol. 12] fejn spjega li ghal habta tal-festa ta' Santa Marija huwa kien parti minn *team* li tela' Ghawdex biex jaghmlu tfittxijiet ghal xi droga li setghet tintuza fil-*parties* li kienu ser jigu organizzati f'dawk iz-zmienijiet. Spjega li huwa kellu informazzjoni kunfidenzjali li l-imputat kien ser itella xi droga. Ghaldaqstant, dakinhar stess tal-hmistax ta' Awissu 1997, ghal habta tan-nofs siegha ta' wara nofsinhar, mar Marsalforn flimkien ma xi ufficjali ohra tal-pulizija u ra lil imputat akkumpanjat minn zewg guvintur hergin minn naha tal-Menqa fid-direzzjoni lejn l-ghassa ta' Marsalforn. F'xi hin osserva lil imputat jidhol go *telephone*

*box* tal-gebel u jaghmel xi telefonata. Wara rah mixi fid-direzzjoni tal-ghassa u jiltaqa ma persuna, li wara rrizultalu li kien Conrad Agius u t-tnejn mxew flimkien fid-direzzjoni tal-pjazza u regghu lura lejn il-Menqa, pero waqfu ghal xi hin hdejn kiosk tal-gelati u rahom iharsu lejn lanca li kienet pjuttost kbira li kienet fuq l-art. F'dak l-hin l-imputat Portelli mexa lejn l-*ispeedboat* li kienet fl-i*slipway* tal-Menqa u Conrad Agius dahal lejn il-lukanda Calypso.

Huwa mbaghad ra lil imputat jerfa' xi *seat* tade-dghajsa li kien hemm fuq l-i*slipway* u minn hemm, hareg pakkett ta' sigaretti tal-marka Rothmans ta' kulur blu, rah jifthu u jiccekkja go fih, hadu mieghu u mar ipoggi fuq bank li kien hemm faccata. Dak l-hin l-imputat kien wahdu. Wara xi hin ra lil imputat mixi fid-direzzjoni ta' Conrad Agius u jaghtih l-pakkett Rothmans li kien gabar minn taht s-*seat* u fil-fatt l-pulizija dak il-hin intervjeniet u f'idejn Conrad Agius kien hemm l-pakkett Rothmans. Flimkien mas-Supretendent Neil Harrison, kien hemm wkoll WPS 102 Ruth Magro u PC 1 Ruben Mifsud, w is-Supretendent Neil Harrison fetah l-pakkett u *prima facie* rrizulta li kien fih ammont kbir ta' pilloli li gew elevati ghal aktar stharrig . Huma hadu lil imputat l-ghassa u fil-presenza tieghu ghoddew il-pilloli w irrizulta li kien hemm disghin wahda. Wara huma ghaddew biex jarrestaw z-zewg zaghzagh l-ohra li kienu fil-kumpanija tal-imputat originarjament, li rrizulta li kienu Christopher Borg u Joseph Gauci u meta dawn gew mitkellma mill-pulizija qalu li kienu waslu Ghawdex mal-imputat bid-dghajsa li huma ndikaw lil pulizija u li rrizulta li kienet l-istess wahda minn fejn l-imputat gabar l-pakkett Rothmans fuq indikat.

L-imputat ikkonferma li d-dghajsa kienet tieghu u fil-presenza tieghu saret tfittxija fuqha izda din tat rizultat negattiv ghal presenza ta' droga izda nstabu xi flus fl-ammont ta' mija u tmintax il-lira maltin fuqha u *harpoon* li gie elevat.

Ix-xhud nhar l-hamsa ta' Settembru 1997 ikkonferma li minn ricerka li ghamel fuq l-imputat, dan ma kellux licenzja mahruga mill-Kumissarju tal-Pulizija sabiex izomm *harpoon* u esibixxa stqarrija rilaxxjata mill-imputat

mehuda dakinhar tal-investigazzjoni li tinsab esibita a fol 27 tal-atti bhala dokument NH 7.

Minn esami ta’ din l-istqarrija jirrizulta li l-imputat jahdem mal-Maritime Squad 2nd Regiment fil-kariga ta’ Gunner bin-numru 86141. L-imputat jistqarr li verament dakinhar tar-rilaxx tal-istqarrija tieghu u cioe fil-hmistax ta’ Awissu 1997 huwa mar Ghawdex bid-dghajsa tieghu tal-ghamla Albatross bin-numru S-8016 fil-Menqa ta’ Marsalforn, flimkien ma zewgt ihbieb tieghu Joseph Gauci u Christopher Borg. Ammetta li mieghu minn Malta kien gab l-pilloli ecstasy u li shabu ma kellhom x’jaqsmu xejn maghhom u li ghaddihom lil certu Conrad, kunjomu mhux maghruf, izda li jahseb li wkoll hu suldat. Dawn gabhom go pakkett tas-sigaretti Rothmans blu fl-ammont ta’ disghin wahda. Qal li huwa heba dan il-pakkett fil-*basket* tieghu taht is-*seat* tad-dghajsa u li kien bi hsiebu jbieghhom ghal prezz ta’ sebgha liri l-wahda lil dan Conrad w ghalhekk komplessivament kellu jaqla s-somma ta’ sitt mija u tletin lira.

Ikkonferma li hu kien fil-presenza ta’ dan Conrad billi cempillu qabel fuq il-mobile phone tieghu minn go *telephone booth* li hemm fil-vicinanzi. Ikkonferma wkoll li kienu ftehmu fuq il-prezz tal-bejgh waqt li kienu mexjin fid-direzzjoni tal-ghassa. Mistoqsi ghaliex beda ibiegh d-droga ecstasy, l-imputat wiegeb li kellu l-vizzju tat-tehid tad-droga ecstasy u cocaine. Ikkonferma wkoll li kien xtara dawk l-pilloli gal prezz ta’ hames liri l-wahda minghand ingliz li jismu Nick minn Bugibba.

Illi nhar l-hamsa ta’ Settembru 1997 **xehdet WPC 102 Ruth Magro** [fol 41] li kkonfermat dak kollu li qal s-Supretendent Neil Harrison w ikkonfermat li kienet hdejh tul l-operazzjoni kolha. Ikkonfermat wkoll li qabel ma ttiehdet l-istqarrija tal-imputat, dan inghata s-solita twissija u l-imputat kien irrifjuta li jiffirma l-istess. Ikkonfermat wkoll fuq domanda tad-difiza, jekk l-pakkett li nstab f’idejn Conrad Agius kienx l-istess pakkett li kellu f’idejh l-imputat, x-xhud wiegbet fl-affermattiv.

Illi nhar l-hamsa ta’ Settembru 1997 **xehed PS 579 Antoine Micallef** [fol 51] w ikkonferma dak li qal s-Supretendent Neil Harrison u zied jghid li ra wkoll lil imputat jgholli s-*seat* tad-dghajsa u jigbor pakkett tas-sigaretti Rothmans blu minn go fiha u jghaddi l-istess pakkett lil persuna ohra li sussegwentement irrizulta li kienet Conrad. Huwa jghid li kellu vista cara ta’dak li kien ghaddej u li minn fejn kien fuq il-bejt tal-lukanda Calypso, seta’ josserva dak kollu li kien qed jaghmel l-imputat u kien qed jikkomunika mas-Supretendent Neil Harrison fuq r-radio dwar il-movimenti tal-imputat. Huwa gie muri r-ritiratt tal-i*speedboat* li esibixxa s-Supretendent Neil Harrison fix-xhieda tieghu liema ritratt huwa mmarkat bhala dokument NH 5 u kkonferma li din hija l-istess dghajsa minn fejn l-imputat gabar il-pakkett tas-sigaretti in kwistjoni.

Illi nhar l-hamsa ta’ Settembru 1997 **xehed PC 1 Ruben Mifsud** [fol 57] w ikkonferma dak li qalu WPS 102 Ruth Magro, PC 579 Antoine Micallef u s-Supretendent Neil Harrison fix-xhieda taghhom u spjega ghal darb’ohra l-movementi kollha li l-imputat ghamel qabel ma gie arrestat. Huwa kkonferma wkoll li d-droga li nstabet f’idejn Conrad kienet fl-istess pakkett li nghata mill-imputat. Gharaf wkoll d-dokument NH 5 bhala ritratt tad-dghajsa minn fejn l-imputat kien gabar l-pakkett tas-sigaretti indikat.

Illi nhar t-tlieta w ghoxrin ta’ Ottubru 1997 **xehed PC 138 Joseph Portelli** [fol 101] fejn ikkonferma li kien mas-Supretendent Neil Harrison nhar l-hmistax ta’ Awissu 1997 meta inqabad l-imputat jikkonsenja pakkett sigaretti Rothmans blu bid-droga go fih lil persuna ohra li rrizulta li kienet il-persuna ta’ Conrad Agius. Ikkonferma li ra lil imputat gej minn hdejn l-i*speedboat*, icempel minn *telephone box* u jiltaqa ma Conrad Agius u dan f’Marsalforn hdejn il-gabbana tal-gelati u li kien mas-Supretendent Neil Harrison meta intervjenew u sabu l-pilloli fil-pakkett li gie konsenjat mill-imputat lil Conrad Agius.

Illi nhar t-tlieta w ghoxrin ta’ Ottubru 1997 **xehed PC 1221 Pierre Attard** [fol 110] fejn ikkonferma li dakinhar tal-hmistax ta’ Awissu 1997 huwa ha sehem fit-tfittxija fuq il-persuna ta’ Conrad Agius u li kien hu li akkumpanjah l-ghassa tar-Rabat ghal aktar stharrig.

Illi nhar t-tlieta w ghoxrin ta’ Ottubru 1997 **xehed PS 1281 Kenneth Haber** [fol 120] fejn ikkonferma li hu ha sehem fit-tfittxija li saret fuq d-dghajsa fil-presenza tal-imputat. Ikkonferma li huwa eleva *harpoon*, diversi pakketti ta’ Rothmans blu kwantita ta’ flus. Gie muri r-ritratt dokument NH 5 w ikkonferma li din kienet l-istess dghajsa li ghamel tfittxija fuqha.

Illi nhar t-tlieta w ghoxrin ta’ Ottubru 1997 il-prosekuzzjoni ressqet lil **Conrad Agius jixhed** [fol 77] pero l-istess Conrad Agius talab li jigi ezentat milli jaghti xxhieda tieghu peress li seta’ jinkrimina ruhu u l-Qorti laqghet t-talba tieghu w ezentatu milli jixhed f’dak l-istadju.

Illi nhar t-tlieta w ghoxrin ta’ Ottubru 1997 **xehed l-Logotenent Wallace Camilleri** [fol 79] fejn ikkonferma li l-imputat huwa Gunner bin-numru 86141 mal-Armata u ilu hekk impjegat mill-ewwel ta’ Gunju 1993 u li minn dejjem kien stazzjonat fil-bazi Marittima tal-Armata. Dan l-ufficjal ikkonferma li xoghol l-imputat hu li jhares l-kosta Maltija fuq il-bahar u jara li ma jsirux reati minn fuq il-bahar.

Illi nhar t-tlieta w ghoxrin ta’ Ottubru 1997 **xehed Joseph Gauci** [fol 86] fejn ikkonferma li kien gie arresta mal-imputat nhar l-hmistax ta’Awissu 1997 minn fuq il-moll tal-Menqa ta’ Marsalforn. Ikkonferma li kien ghadu kemm wasal Ghawdex xi nofs siegha qabel permezz ta’ dghajsa misjuqa mill-imputat. Mistoqsi ghaliex kien mar Ghawdex, hu qal li mar biex jiehu Coke u jkompli jistad. Ikkonferma li kien ilu li hareg bid-dghajsa mal-ohrajn sa mis-sitta ta’ filghodu. Mistoqsi jekk kellux x’jaqsam mad-droga ecstasy li nstabet u li kienet fuq d-dghajsa, x-xhud wiegeb fin-negattiv u qal li ma kellu x’jaqsam xejn ma din s-sejba u li lanqas kien jaf biha.

Illi nhar s-sittax ta' Dicembru 1997 **xehed Christopher Borg** [fol 139] fejn ikkonferma li hu kien gie arrestat mal-imputat nhar l-hmistax ta'Awissu 1997 minn fuq il-moll tal-Menqa f'Marsalforn wara li kien wasal hemm permezz ta' *speedboat* tal-imputat. Ikkonferma dak li qal Joseph Gauci u cioe li kienu hargu fis-sitta ta' filghodu dakinhar biex jistadu u li kienu ddecidew li jinzlu Marsalforn biex jiehdu *drink*. Ikkonferma li meta nizlu l-art, l-imputat mar jaghmel telefonata minn go *telephone booth*. Mistoqsi jekk kellux x'jaqsam mad-droga, huwa cahad b'mod kategoriku. Qal li fid-dghajsa kellu *harpoon*.

Illi nhar s-sittax ta' Dicembru 1997 **xehed Teddy Cauchi** [fol 138] ko-ordinatur ghal Ghawdex ghal Awtorita Marittima, fejn ikkonferma li l-lanca bin-numru S-8016 hija registrata fuq Anthony Portelli ta' 21A, Cassarino Street, Bugibba, detentur tal-karta tal-identita numru 82674M u dan sa mis-sitta w ghoxrin ta' Mejju 1997.

Illi nhar l-wiehed w ghoxrin ta' April 1998 **xehed Dottor Anthony Abela Medici** [fol 178] fejn qal li hu kien gie nominat fl-atti tal-inkjesta relattiva ghal dan il-kaz dwar sejba ta' numru ta' pilloli hdejn il-persuna ta' Anthony Portelli nhar l-hmistax ta' Awissu 1997. Huwa kkonferma li d-disghin pillola huma MDMA Methylenedioxy - N – ethylamphetamine [MDEA] u d-derivattivi taghha huma kontrollati bil-ligi taht t-tielet skeda sezzjoni A tal-Kap 31 tal-Ligjiet ta' Malta.

Illi nhar d-dsatax ta' Lulju **2002 xehed l-imputat minn jeddu b'mod voluntarju** [fol 222] fejn ikkonferma li verament jahdem mal-Forzi Armati u li fil-hmistax ta' Awissu 19978 kien tela' Ghawdex bid-dghajsa tieghu kif murija fir-ritratti dokumenti NH 5 u NH 6 esibiti fl-atti. Ikkonferma li mar jaghmel telefonata appena nizel fuq il-moll izda qal li kien cempel lil ommu u b'kumbinazzjoni iltaqa ma Conrad Agius. Huma mxew lejn l-gabbana tal-gelati biex jiedhu *drink* u fil-pront gew il-pulizija fuqhom u Conrad waqqa xi haga minn idejh. Huwa jichad li d-droga li nstabet kienet tieghu. Qal li hu rrilaxxja l-istqarrija li ghamel, ghaliex kien taht pressjoni qawwija mill-Ispettur u li dan beda jheddu li kellu bizzejjed provi biex jitfghu l-

habs ghal ghomru u kliem bhal, fuq tracci ta’ droga rnexxilu jibghat nies il-habs.

Ikkunsidrat:

Illi fl-ewwel lok d-difiza rrilevat fin-nota taghha ta’ sottomissjonijiet presentata fl-atti nhar t-tlieta w ghoxrin ta’ Awuissu 2005, li din il-Qorti ghandha tiskarta l-istqarrija tal-imputat ghaliex din ma saritx b’mod voluntarju u minn jeddu izda taht pressjoni qawwija gejja mill-pulizija ezekuttiva w appuntu mis-Supretendent Neil Harrison u li l-fatti kif riskontrati fil-process ma jghamlux sens jekk l-istqarrija tigi emnuta.

Illi kif gie ritenut fis-sentenza fl-ismijiet moghtija **Il-Pulizija v Carmelo Camilleri u Teresa Agius**, ***deciza mill-Qorti tal-Appell Kriminali fil-hdax ta' Lulju, 1997***, *a confessional statement* fis-sistema legali Maltija hija regolata minn dak li hemm stipulat fl-artikolu 658 tal-Kap 9 tal-Ligijiet ta' Malta li jghid testwalment is-segwenti:

*"Kull haga li imputat jew akkuzat jistqarr sew bil-miktub kif wkoll bil-fomm tista tittiehed bi prova kontra min ikun stqarriha, kemm il-darba jinsab li din l-konfessjoni giet maghmula minnu voluntarjament u ma gietx imgieghla jew mehuda b'theddid jew b'biza jew b'weghdiet jew bi twebbil ta' vantaggi."*

Kif intqal fis-sentenza fuq citata:

*“Huwa opportun li jinghad hawnhekk li r-rilaxx ta’ stqarrija da parti ta’ min ikun qed jigi interrogat mill-pulizija huwa fakultattiv, fis-sens li dan m’ghandu ebda obblgu li jirrilaxxja stqarrija jew li jirrispondi ghal domandi mposti lilu mill-pulizija. Minn dan jirrizulta li l-principju fondamentali fil-materja ta’ stqarrija li din trid tkun voluntarja, u mhux spontanea sabiex ikollha valur probatorju.”*

Illi ghalhekk, u dan kif dejjem gie ritenut, l-oneru tal-prova li tali stqarrija saret voluntarjament jaqa dejjem fuq il-prosekuzzjoni, bhal kull prova ohra. Il-prosekuzzjoni ghandha taghmel *prima facie evidence* tal-ezistenza ta’

dan r-rekwizit, li, malli jirrizulta sodisfatt, allura l-oneru tal-prova kuntrarja jigi spustjat ghal fuq l-imputat jew akkuzat li jkun qed jallega li l-istqarrija tieghu kienet ittiehdet b'wiehed mill-metodi kontemplati fil-precitat artikolu 658 tal-Kodici Kriminali. Wara kollox, dan mhu xejn hlief applikazzjoni tal-principju fondamentali fis-sistema legali li min jallega fatt irid jipprovah, izda ma jfissirx, ossia ma ghandhux jigi intiz b'mod li f'xi mument l-oneru li jigi pprovat ir-reat, u n-nexus bejn ir-reat u l-akkuzat, jigi spustjat ghal fuq l-akkuzat. Dan jibqa' dejjem fuq il-prosekuzzjoni tul il-process kollu. Izda jekk akkuzat, bi sforz sabiex jindebbolixxi l-provi tal-prosekuzzjoni, jallega certa fatti, anke taht gurament, allura hu jkun xehet fuqu l-oneru tal-prova <u>ta' dawk il-fatti.</u>

Fl-***Appell Kriminali*** fis-sentenza **Il-Pulizija v Francis Spiteri *[vol XLIII – pg 1061] per Onor Imhallef William Harding,*** il-Qorti qalet hekk:

*"Per regola, il-prova tinkombi fuq il-prosekuzzjoni, imma meta din tkun ghamlet prova, prima facie, allura l-prova kuntrarja tigi riversata fuq d-difiza, partikolarment meta si tratta ta'prova 'which lies peculiarly [particularly] within the knowledge of the accused'. Fi kliem iehor meta d-difiza tissottoliena l-punt tal-non voluntarjeta tal-istqarrija rilaxxjata mill-imputat/akkuzat, f'tali kaz hija tkun assumiet l-obbligu li tressaq <u>provi sufficjenti</u> in sostenn tat-tezi taghha izda qatt ma jkun rikjest mill-istess imputat/akkuzat li l-provi minnu prodotti jistabilixxu bla dubbju regjonevoli, t-testi tieghu. Kull ma jaghmel imputat/akkuzat hu li jressaq provi sufficjenti biex jiggenera dubbju ragjonevoli fil-versjoni moghtija mill-prosekuzzjoni, f'liema kaz imbaghad, l-oneru li jinnewtralizza dan d-dubbju jinkombi fuq il-prosekuzzjoni."*

Illi fil-kaz odjern, il-prosekuzzjoni gabet l-prova rikjesta mill-ligi in propositu billi ressqet bhala xhieda lil Ufficjali tal-Pulizija li kienu presenti waqt li l-imputat akkuzat irrilaxxja l-istqarrija tieghu. L-imputat fil-fatt meta xehed l-Qorti, kkonferma certi dettalji tal-istqarrija, bhal per ezempju, fejn jahdem, li mar Ghawdex, ma min mar, li qabel mar jistad u li verament iltaqa ma Conrad Agius,

pero nnega viva voce l-Qorti meta xehed dik il-parti tal-istqarrija li hija nkriminanti u cioe li verament gab mieghu minn Malta, d-droga u li kien ittraffikaha. Dan l-imputat cahdu meta xehed l-Qorti snin wara li kien gara l-kaz u kien irrilaxxja l-istqarrija tieghu.
L-imputat jghid li hu rrilaxxja dik l-istqarrija ghaliex kien taht pressjoni u theddid. Illi ghalhekk dak li qed jallega l-imputat hawnhekk, cioe dak li huwa segwa s-suggeriment tas-Supretendent Neil Harrison biex jikkopera mieghu, li fis-sistema Ingliza legali huwa imsejjah bhala *inducement*.

L-awtur Ingliz **J.D. Heydon** fil-ktieb ***tieghu Evidence – Cases and Material*** jiddiskuti dan l-element ta' *inducement* hekk:

*"Inducement suggests an inquiry into the actual state of the accused's mind. The test depends on the actual effect of the inducement on the accused's mind."*

Dan l-istess awtur ikompli jikkwota dak li ntqal fil-kaz **R v Richards** – 1967 u cioe:

*"The test is – did it go so far as to deprive the person to whether it was made of his free will and choice?"*

Ghalhekk, fil-kaz in ezami, dan l-kriterju jigi tradott fis-segwenti, u cioe, jekk wara li jigu ppruvati l-fatti allegati mill-imputat, kienux dawn fil-hin tal-istqarrja tieghu tant li operaw fuqu b'mod li jwassluh biex jghid dak li qal, li altrimenti ma kienx jghid. In breve, l-imputat, bl-allegazzjoni tieghu, xehet fuqu nnifsu l-oneru li jressaq prova **[a]** tal-fatti allegati minnu u **[b]** li dawn l-fatti kellhom fuqu l-effett li huwa qed jallega u li dawn il-provi, biex ikollhom effett desiderat mid-difiza, iridu jiggeneraw dubbju ragjonevoli fil-versjoni tal-proekuzzjoni li l-istqarrija tieghu in kwistjoni, kienet giet rilaxxjata voluntarjament.

Kif intqal qabel, d-dubbju rikjest mill-ligi ghandu jigi generat jew minn argumentazzjoni jew minn fatti adegwatament ippruvati mid-difiza, sabiex dan d-dubbju jkollu l-effett li jiddebolixxi serjament l-kaz tal-prosekuzzjoni.

Minn dan isegwi, li jekk l-imputat odjern ma rnexxilux jissodisfa lil din il-Qorti bl-ezistenza ta' dawk l-fatti li fuqhom huwa ikun qed jipprova jiggenera dubbju ragjonevolment kontra l-versjoni tal-prosekuzzjoni, allura ma jistghax jinvoka tali dubbju favur tieghu.

L-imputat, fl-istqarrija tieghu ta diversi dettalji ta' dak li gara dakinhar qabel ma gie arrestat u dawn l-fatti kif deskritti minnu, gew korroborati bix-xhieda tal-prosekuzzjoni kemm mill-pulizija ezekuttiva li kienu qed jghinu fl-investigazzjoni, kif wkoll mix-xhieda pajzana hbieb tal-imputat stess li kienu mieghu fuq d-dghajsa aktar kmieni dik l-ghodwa. Il-fatti kif spjegati viva voce l-Qorti li jirrigwardaw l-parti nkriminanti fl-istqarrija gew kollha michuda viva voce mill-imputat pero fl-ebda hin ma ressaq xi prova korroborattiva biex jissustanzja dak li kien qal fl-istqarrija ma kienx minnu jew li ntqal minhabba pressjoni gejja mill-pulizija.

Illi ghalhekk, in vista tas-suespost, il-Qorti ma thossx li ghandha tiskarta l-istqarrija rilaxxjata mill-imputat a tempo vergine tal-investigazzjoni u sejra taghtiha l-importanza taghha aktar tard f'din is-sentenza meta tigi biex tittratta l-mertu tal-kaz.

Id-difiza pero ssollevat fit-trattazzjoni taghha orali diversi punti procedurali li fil-fehma taghha, ghandhom jwasslu sabiex din il-Qorti tillibera lil imputat minnn kull imputazzjoni. Biex tittratta dawn il-punti sollevati mid-difiza, l-Qorti thoss li ghandha tara x'kien l-*iter* li ha dan il-process.

Jirrizulta mill-atti li l-imputat originarjament kien tressaq quddiem l-Qorti tal-Magistrati bhala Qorti Istruttorja nhar l-ghoxrin ta' Awissu 1997 akkuzat fuq diversi akkuzi fosthom,

a. pussess ta' medicina specifikata u psikotropika meta ma kienx awtorizzat kif imiss;
b. talli kkonsenja medicina specifika u psikotropika lil xi persuni ohra li ma kienux spizjara jew

ma kienux xort'ohra awtorizzati bil-mod xieraq biex ikollhom fil-pussess taghhom dik il-medicina;
c. talli kellu fil-pussess tieghu d-droga Kokaina u naqas li jipprova li tali droga msemmija giet fornuta lilu ghal uzu tieghu;
d. li bhala ufficjal pubbliku, ikkommetta dawn r-reati li kellu jissorvelja biex ma jsirux jew minhabba l-kariga tieghu li huwa kellu kien fi dmir li jimpedixxi ;
e. talli kellu fil-pussess tieghu *harpoon* minghajr permess minghand l-Kummissarju tal-Pulizija.

Illi nhar t-tlieta ta' Lulju 1998, l-Avukat Generali ghogbu jibghat l-kontro'ordni skond l-artikolu 22(2) tal-Kap 101 u l-artikolu 31 tal-Kap 101 u l-artikolu 18 u 141 tal-Kap 9 sabiex l-imputat jigi gudikat minn din il-Qorti fil-vesti taghha fuq imsemmija.

Illi stranament ghalkemm mill-atti jirrizulta li l-prosekuzzjoni kienet lestiet bil-provi taghha ghaliex kien hareg l-kontr'ordni u l-artikoli, il-prosekuzzjoni baqghet ghaddejja bil-provi taghha kif jirrizulta mill-verbal tas-sitta w ghoxrin ta' Jannar 2001 meta xehdu l-allura Spettur Neil Harrison u WPS 102 Ruth Magro.

Illi nhar d-dsatax ta' Lulju 2002, d-difiza bdiet bil-provi taghha tant li xehed l-imputat minn jeddu b'mod voluntarju.

Illi nhar s-sebgha w ghoxrin ta' Lulju 2005, il-kawza thalliet ghas-sentenza ghat-tletin ta' Novembru 2005.

Illi fit-tlieta w ghoxrin ta' Awissu 2005, d-difiza ppresentat n-nota ta' sottomissjonijiet taghha.

Ili nhar d-disgha ta' Settembru 2005, l-Kummissarju tal-Pulizija ppresenta rikors fl-atti fejn talab li ssir korrezzjoni fl-akkuza fis-sens li z-zewg akkuzi moghtija originarjament bil-kliem "droga specifika u psikotropika [ecstasy]" dawn jigu sostitwiti bil-kliem "droga psikotropika u ristretta."

Illi b'digriet tat-tmienja w ghoxrin ta' Settembru 2005 din il-Qorti diversament preseduta, kienet laqghet t-talba ghal tali korrezzjoni, issospendiet il-prolazzjoni tas-sentenza u ordnat " l-korrezzjoni tal-akkuzi kif mitluba f'dan r-rikors u stante li tali korrezzjoni tinhtieg s-smiegh mill-gdid tal-provi, ordni tal-Avukat Generali u l-ezami tal-imputat ordnat li l-atti jintbaghtu lil Avukat Generali fiz-zmien moghti fil-ligi."

Illi fis-seduta tad-disgha ta' Novembru 2005, dik l-istess Qorti rrilevat li l-kontr'ordni tal-Avukat Generali kienet tikkoncerna biss akkuzi naxxenti mill-Kap 101 u ma kienx hemm kontr'ordni ai termini tal-Kap 31 tal-Ligijiet ta' Malta u ghalhekk ordnat li l-atti jintbaghtu lura lil Avukat Generali sabiex jirregola l-posizzjoni tieghu.

Illi fil-wiehed w ghoxrin ta' Novembru 2005, l-Avukat Generali baghat rinviju skond l-artikolu 432(2) tal-Kap 9 tal-Ligijiet ta' Malta sabiex il-Qorti tibda mill-gdid bil-kumpilazzjoni u taghlaq l-istess fi zmien hamest ijiem.

Illi nhar t-tmienja w ghoxrin ta' Novembru 2005, din il-kawza bdiet tinstemgha ghal ewwel darba quddiem din il-Qorti kif preseduta u f'din s-seduta, l-Qorti rat d-digriet taghha diversament moghti tat-tmienja w ghoxrin ta' Settembru 2005 w ordnat li l-korrezzjoni kif mitluba mill-Kummissarju tal-Pulizija, u kif milqugha mill-Qorti, tigi registrata fl-atti.

Il-Qorti ordnat ezami tal-imputat mill-gdid ai termini tal-artikolu 390(1) u 392 tal-Kap 9 tal-Lligijiet ta' Malta. Sar l-ezami tal-imputat. Il-prosekuzzjoni ghamlet referenza ghal fiat tal-Avukat Generali mahrug skond l-artikolu 22(2) tal-Kap 101 [fol 7] u l-artikolu 120A(2) tal-Kap 31 [fol 8], t-tnejn datati dsatax ta' Awissu 1997. L-imputat taha ruhu b'notifikat bl-atti kif korretti w iddikjara li x-xhieda moghtija f'dan il-kaz, kienet inghatat b'mod regolari u kellhom jigu trattati daqs li kieku nghataw quddiem il-Qorti wara li sar l-ezami mill-gdid w ezentat lil prosekuzzjoni mill-htiega li tressaq x-xhieda mill-gdid.

Il-Qorti ghamlet referenza ghal kontr'ordni mibghut mill-Avukat Generali ai termini tal-artikolu 22(2) u 31 tal-Kap 101 mibghut nhar l-wiehed u tletin ta' Lulju 1998 [fol 188] u l-artikolu 18, 141 tal-Kap 9, pero mill-ezami tal-process ma jirrizultax li l-istess Avukat Generali ta' xi direzzjoni dwar l-akkuzi naxxenti mill-Kap 31 u 533 tal-Kap 9.

Il-prosekuzzjoni f'din l-istess seduta, ghamlet referenza ghal istqarrijiet tal-imputat esibiti fl-atti u a bazi tal-istess, l-atti gew mibghuta ghand l-Avukat Generali.

Illi fis-sebgha ta' Dicembru 2005, l-Avukat Generali baghat l-kontr'ordni ai termini tal-artikolu 2(c) u 120A tal-Ordinanza dwar il-Professjoni Medika u l-Professjonijiet li ghandhom x'jaqsmu maghha Kap 31 sabiex l-imputat jigi gudikat minn din il-Qorti [fol 280].

Illi nhar l-ghoxrin ta' Jannar 2006 d-difiza talbet revoka contrario imperio tad-digriet tal-Qorti tat-tmienja w ghoxrin ta' Settembru 2005 [fol 286] fejn kienet laqghet t-talba tal-Kummissarju tal-Pulziija ghal korrezzjoni fl-akkuzi u fid-disgha ta' Marzu 2006 dan r-rikors gie decretat u t-talba tad-difiza giet michuda [fol 299].

Illi nhar l-erbgha ta' April 2006 l-kawza giet trattata mill-partijiet u thalliet ghas-sentenza finali.

Ikkunsidrat ulterjorment:

Id-difiza rrilevat li l-akkuzi naxxenti mill-Kap 31 ma jistghux iregu 'l ghaliex l-Avukat Generali qatt ma ta l-kunsens tieghu sabiex jigu inizjati proceduri mill-pulizija ezekuttiva fil-konfront tal-imputat skond z-zewg akkuzi ta' pussess u traffikar tad-droga specifika u ristretta. Il-kunsens li kien ta originarjament l-Avukat Generali nhar d-dsatax ta' Awissu 1997 kien tali li l-prosekuzzjoni setghet tinizja proceduri fil-kofnront tal-imputat dwar droga psikotropika u specifikata.

Id-difiza ghalhekk konsegwentement sostniet li l-kontr'ordni hija nulla ghaliex ordni ma kienx inghata skond l-Kap 31 mill-Avukat Generali u peress li att null jipprovdi

effett ta' nullita, allura fil-fehma taghha, l-imputat ghandu jigi liberat. Fil-fatt, d-difiza anke ghamlet referenza ghal artikolu 520 tal-Kap 9 li jaghmel referenza ghal artikoli 98, 99 u 100 tal-Kodici t'Organizazzjoni u Procedura Civili swar in-nullita ta' atti gudizzjarji.

Illi ghalhekk l-ewwel li jrid jigi deciz minn din il-Qorti hu jekk ghal proceduri naxxenti mill-Kap 31 tal-Ligijiet ta' Malta, jehtiegx xi awtorizazzjoni mill-Avukat Generali sabiex jigu nizjati proceduri.

Id-difiza qed issostni li l-ordni moghtija mill-Avukat Generali nhar d-dsatax ta'Awissu 1997 ai termini tal-artikolu 120A(2) tal-Kap 31 u dik moghtija ai termini tal-artikolu 22(2) tal-Kap 101 tal-Ligijiet ta' Malta esibit fl-atti, huma rikjesti *ab initio* sabiex il-proceduri odjerni jistghu jitmexxew.

Ikkunsidrat wkoll:

Illi l-Qorti ezaminat bir-reqqa s-sottomissjonijiet tal-imputat kif wkoll dawk in risposta tal-Avukat Generali u tal-Kummissarju tal-Pulizija, din il-Qorti jidhrilha li s-soluzzjoni ta' din il-vertenza tinsab f'konsiderazzjoni li effettivament ma jidhirx li giet konsidrata *in fundus* mill-Qrati taghna.

Il-konsiderazzjoni li qed taghmel referenza ghaliha din il-Qorti in sostanza tirrisolvi ruhha fis-sinifikat veru u proprju tal-artikolu 22(2) tal-Kap 101, u l-artikolu 120A(2) tal-Kap 31 tal-Ligijiet ta' Malta, cioe din il-Qorti qed tghid li l-ewwel u qabel kollox hu importanti li wiehed jifhem ezattament x'jghidu dawn s-sub artikoli.

Is-sub artikolu (2) tal-artikolu 22 tal-Kap 101 jibda biex jghid li:

*"Kull persuna akkuzata b'reat kontra din l-Ordinanza, ghandha titressaq jew quddiem il-Qorti Kriminali jew quddiem il-Qorti tal-Magistrati tal-Pulizija Gudizzjarja skond kif jordna l-Avukat Generali u jekk…"*

It-text Ingliz tal-istess sub artikolu jispjiega car u minghajr ebda possibilita ta' xi dubbju verament x'inhu qed jigi provdut mill-ligi:

*"Every person charged with an offence against this Ordinance, shall be tried in the Criminal Court or before the Court of Magistrates of Judicial Police, as the Attorney General* ***may direct*** *…"*

Waqt li l-artikolu 120A(2) tal-Kap 31 [bil-Malti] jipprovdi:

*"Kull persuna akkuzata b'reat kontra din l-Ordinanza ghandha titressaq jew quddiem il-Qorti Kriminali jew quddiem il-Qorti tal-Magistrati (Malta) jew il-Qorti tal-Magistrati (Ghawdex) skond kif* ***jordna*** *l-Avukat Generali …"*

Ghalhekk, minn dan jirrizulta bic-car li l-figura tal-Avukat Generali u l-funzjoni tieghu tidhol fix-xena **mhux** bhala pre rekwizit biex jigu istitwiti proceduri penali taht l-Kap 101 jew Kap 31, **izda** bhala pre rekwzit ghal dik li hija x-xelta ta' liema Qorti sejra tiggudika lil imputat jew akkuzat, skond il-kaz.

Biex tispjega ruhha ahjar, din il-Qorti sejra taghmel referenza ghad-disposizzjonijiet li jinsabu f'ligijiet differenti biex turi d-differenza li tezisti bejn l-kaz kif regolat mill-artikolu 22(2) tal-Kap 101 u l-artikolu 120A tal-Kap 31 minn naha wahda u l-kazijiet l-ohra, fejn il-figura tal-Avukat Generali temergi mill-ewwel bhala pre rekwizit biex il-proceduri jkunu jistghu jigu istitwiti, per ezempju, taht l-Kap 283 tal-Ligijiet ta' Malta li jirregolaw l-kontroll fuq il-kambju, skond l-artikolu 43 li jipprovdi s-segwenti:

"*M'ghandhom isiru ebda procedimenti ghar-reati kontra dan l-Att hlief bil-kunsens tal-Avukat Generali*."

Taht l-Kap 102, li jirregola l-votazzjoni skond l-artikolu 52(2):

"*Ebda procediment ghall-atti llegali, ma jista jinbeda minghajr l-permess tal-Avukat Generali.*"

Taht l-Kap 326, li jirregola l-Kummissjoni Permanenti kontra l-Korruzzjoni, wkoll taht l-artikolu 10(6):

"*Ebda procedimenti ma jistghu jinbdew fir-rigward ta' xi reati taht dak l-artikolu, minghajr l-awtorizazzjoni tal-Avukat Generali.*"

Taht l-artikolu 76(1) tal-Kap 37, li jirrigwarda d-Dwana:

"*Procedimenti dwar xi reat kontra din l-Ordinanza u xi procedimenti biex tinghata xi penali pekunjarja jew mod iehor f'din l-Ordinanza, ghandhom jinbdew mill u f'isem l-Kontrollur*."

Jekk wiehed jinsa ghal mument dak li hemm provdut taht l-Kap 37, li ghadu kemm issemma, u jikkoncentra fuq t-tlett kazijiet l-ohra, huwa ovvju li f'kull kaz, dak li l-ligi trid u qed timponi, huwa li qabel ma jkunu jistghu **jinbdew il-proceduri**, huwa rikjest *sine qua non*, il-permess jew l-awtorizazzjoni tal-Avukat Generali.

Taht l-ligi tad-Dwana [Kap 37], huwa ovvju li l-proceduri ghandhom jinbdew jew mill-Kontrollur tad-Dwana jew f'ismu u dan igib bhala konsegwenza wkoll, li jrid ikun hemm l-awtorizazzjoni tieghu, biex haddiehor ikun jista jibda dawn il-proceduri.

L-artikolu 22(2) tal-Kap 101, u l-artikolu 120A(2) tal-Kap 31, ma jridux hekk, dak li dawn iz-zewg sub artikoli jipprecizaw huwa li l-Qorti li eventwalment sejra tiddecidi l-kaz ta' l-allegat ksur tad-dispozizzjonijiet ta' dawk l-kapi, ma jghazilhiex l-imputat kif jista jaghmel prattikament fil-kazijiet kollha kriminali fejn jista jkun hemm x-xelta prevista mill-ligi, izda jghazilha **biss** l-Avukat Generali.

Ghal din il-Qorti, jekk wiehed jaqra t-text Malti u specjalment t-text Ingliz, dak li hemm previst f'dawk iz-zewg sub artikoli, huwa li f'kaz t'allegat ksur tad-disposizzjonijiet tal-Kap 101 u Kap 31, meta jittiehdu l-proceduri – u dawn jittiehdu mill-pulizija, m'hemmx bzonn l-kunsens tal-Avukat Generali biex jibdihom – u jigu

kapitati l-atti, ix-xelta dwar liema Qorti sejra tiddiciedi l-kaz, ma tispettax lil akkuzat jew imputat, imma tispetta esklussivament lil Avukat Generali, fis-sens li jekk l-Avukat Generali jiddeciedi li l-kaz jigi deciz mill-Qorti tal-Magistrati, li minn Qorti ta' Istruttorja, tirrisolvi ruhha f'Qorti ta' Gudikatura Kriminali, il-kaz irid jigi deciz minn dik il-Qorti, kif del resto qed isir f'dan il-kaz in dezamina, mentri l-Avukat Generali jiddeciedi li l-kaz jigi deciz mill-Qorti Kriminali, hija dik l-Qorti, u ebda Qorti ohra li jkollha gurisdizzjoni, biex tiddecidieh.

Fil-fehma ta' din il-Qorti ghalhekk, d-disposizzjonijiet kontenuti fis-sub artikolu 2 tal-artikolu 22 tal-Kap 101 u fis-sub artikolu 2 tal-artikolu 120A tal-Kap 31 tal-Ligijiet ta' Malta, huma kompletament differenti minn dawk kontenuti fl-artikoli l-ohra tal-ligi differenti li ssemmew aktar 'l fuq, minn fejn jidher car li f'dawk il-kazijiet, l-pulizija m'ghandhiex d-diskrezzjoni li tmexxi kaz quddiem Qorti ta' kompetenza kriminali minghajr ma qabel ikollha l-kunsens jew l-awtorizazzjoni tal-Avukat Generali jew l-Kontrollur tad-Dwana fil-kaz tal-Kap 37.

Fil-kazijiet tal-Kap 101 u tal-Kap 31 tal-Ligijiet ta' Malta, il-pulizija ghandha dejjem d-diskrezzjoni li tmexxi u tipprezenta dak li jkun u takkuzah quddiem Qorti ta' kompetenza kriminali, pero liema Qorti eventwalment ser ikollha l-gurisdizzjoni li tiddeciedi dak l-kaz, ma jiddependix mill-pulizija u lanqas mill-akkuzat, imma jiddependi esklussivament mill-Avukat Generali.

Din hija differenza sostanzjali u determinanti ghal ezitu tal-kwistjoni li ghandha quddiemha din il-Qorti. Dan kollu jwassal ghal dawn l-konkluzzjonijiet;

1. Illi biex il-pulizija setghet tressaq lil imputat quddiem il-Qorti tal-Magistrati ta' Malta bhala Qorti Istruttorja **ma kellhiex** bzonn l-awtorizazzjoni tal-Avukat Generali jew l-ordni li hemm kontemplati fis-sub artikolu 2 tal-artikolu 22 tal-Kap 101 u fis-sub artikolu 2 tal-artikolu 120A tal-Kap 31;

2. Dawk l-ordnijiet ikunu rikjesti biss u dan ghaliex hija rikjesta mill-ligi, biex f'gheluq il-kumpilazzjoni, jekk ikun hemm bizzejjed provi, il-kawza tigi diretta jew inkordata quddiem dik il-Qorti li l-Avukat Generali jkun stabilixxa. Effettivament jidher li, strettament, l-Avukat Generali, jekk irid, jista jistenna sal-ezitu tal-kumpilazzjoni biex jiddeciedi jekk l-imputat jigix gudikat mill-Qorti tal-Magistrati bhala Qorti ta' Gudikatura Kriminali jew mill-Qorti Kriminali, li f'dak il-kaz, m'hemm hadd izjed li ghandu xelta, hlief hu.

Illi jinghad wkoll ghal kjarezza tal-atti, li meta jinhareg ordni mill-Avukat Generali sabiex persuna titressaq l-Qorti akkuzata bir-reati naxxenti mill-Kap 101 u l-Kap 31, ghandhom wkoll jitharsu d-disposizzjonijiet tal-artikolu 27 tal-istess Kap 101.

F'dan l-artikolu nsibu li meta tohrog ordni sabiex persuna tigi pprocessata mill-Qorti Kriminali, dik il-persuna ghandha:

1. Titressaq b'arrest u l-Qorti tal-Magistrati bhala Qorti Istruttorja;

2. Ghandha ttemm l-kumpilazzjoni fi zmien ghoxrin jum u

3. Sakemm jghaddi dak z-zmien jew jekk l-kumpilazzjoni tkun intemmet f"data qabel, sa dak l-jum, il-persuna akkuzata ma tinghatax liberta provisorja [Dwar dan l-punt ahhari l-Qorti Kostituzzjonali kienet tat decizjoni fl-ismijiet **Godfrey Ellul v Avukat Generali et** nhar l-erbgha ta' Jannar 2002 fejn kienet ittrattat l-kwistjoni dwar meta bniedem ikun intitolat li jinghata l-*bail* pero peress li din mhux il-kwistjoni in dezamina, il-Qorti ma thossx li ghandha tikkummenta ulterjorment.]

B'din l-argumentazzjoni kif fuq spjegata, ghalhekk ma hemmx bzonn il-fiat tal-Avukat Generali kif donnu spjegat d-difiza sabiex l-imputat jitressaq sabiex jirrispondi ghar-reati naxxenti mill-Kap 31 u del resto, mill-Kap 101. Huwa bizzejjed li l-Avukat Generali johrog l-ordni, li fil-fatt hareg

nhar s-sebgha ta' Dicembru 1995, meta baghat l-atti lura lil Qorti fil-vesti taghha ta' gudikatura kriminali sabiex l-imputat iwiegeb fuq l-akkuzi migjuba kontra tieghu ghal ksur tal-provvediment tal-istess Ordinanza, Kap 31 [fol 280] u dik mibghuta mill-Avukat Generali nhar t-tlieta ta' Lulju 1998 lil din il-Qorti fil-vesti taghha ta' gudikatura kriminali ghal ksur tal-Ordinanza, Kap 101 tal-Ligijiet ta' Malta [fol 188].

Fid-dawl tas-suespost ghalhekk, l-atti mhux nulli w huma in regola, u din il-Qorti ghandha issa biss tidhol u tittratta l-mertu.

Il-Qorti hija tal-fehma li l-istqarrija rilaxxjata mill-imputat hija wahda veritiera u a bazi tal-istess, tiddecidi li ssib lil imputat hati tar-reati ta' pussess ghal uzu mhux esklussiv tieghu u ta' traffikar tad-droga psikotropika u ristretta [ecstasy] nhar il-hmistax ta' Awissu 1997 u fit-tlettax il-xahar qabel, fuq ammissjoni tieghu stess.

Illi pero ma ssibx lil imputat hati ta' pussess ta' droga Kokaina ghal uzu tieghu stante li l-prosekuzzjoni ma ressqet ebda prova dwar din l-akkuza. Issir referenza ghall-uzu tad-droga Kokaina mill-imputat biss waqt r-rilaxx tal-istqarrija meta jghid li hu ghandu l-vizzju tat-tehid tad-droga Kokaina pero fl-ebda parti tal-istqarrija tieghu ma jindika fejn ha din d-droga jew f'liema perjodu w ghalhekk, fin-nuqqas ta' prova importanti bhal din, l-Qorti qed tilliberah minnha.

L-imputat originarjament gie akkuzat bil-pussess ta' harpoon minghajr licenzja mahruga mill-Kummissarju tal-Pulizija pero meta l-Avukat Generali baghat l-artikoli, huwa ma semma xejn dwar din l-kontravenzjoni u ma baghatx l-artikoli f'dan r-rigward w ghalhekk il-Qorti tastjeni milli tiehu konjizzjonji ta' tali akkuza.

Finalment, l-imputat gie akkuzat li ghamel reat li kien fl-obbligu li jimpedixxi. Ma hemmx dubbju li l-imputat, li hu Gunner impjegat mal-Forzi Armati ta' Malta stazzjonat l-Maritime Squad, ma messu qatt dahhal droga f'Ghawdex

fuq d-dghajsa tieghu w ghalhekk, fid-dawl ta’dak li rrizulta mill-espert forensiku Dottor Anthony Abela Medici u cioe li d-disghin pillola li dahhal l-imputat Ghawdex nhar l-hmistax ta’ Awissu 1997, kienet droga ecstasy, il-Qorti qed issibu hati ta’ dan l-aggravju wkoll.

**Dwar il-piena:**

L-imputat ghamel enfasi fuq il-fattur tat-trapass taz-zmien li ghadda bejn meta huwa gie akkuzat bir-reati dedotti kontra tieghu u bejn meta issa din il-Qorti ser tippronunzja s-sentenza definittiva w iccita wkoll xi sentenza tal-Qorti Kriminali fejn dan il-fattur ittiehed in konsiderazzjoni.

Illi din il-Qorti, qabel xejn, tghamilha cara li l-fattur ta’ trapass taz-zmien, ma jnaqqas xejn mir-responsabbilita kriminali tal-hati, kif intqal fis-***sentenzi moghtija nhar l-erbgha w ghoxrin ta’ Lulju 2000, fl-ismijiet*** **Repubblika ta’ Malta v Joseph Attard*****, u*** **Repubblika ta’ Malta v Joseph Attard u Angelo Attard** ***deciza fl-istess jum tal-erbgha w ghoxrin ta’ Lulju 2000***.

Jista pero jaghti l-kaz jigi konsidrat ai fini ta’ piena kif gie ritenut fil-kazijiet appena citati u kif gie ritenut mill-***Qorti Kriminali nhar d-disgha w ghoxrin ta’ Jannar 2001***, fil-kawza fl-ismijiet **Il-Pulizija v Geoffrey Azzoaprdi**, ghalkemm f’din l-ahhar sentenza, l-konsiderazzjoni ta’ din il-Qorti, biex varjat l-piena ma kienux limitati biss ghal dik ta’ trapass taz-zmien, izda wkoll bazata fuq motivazzjonijiet ohra.

Illi, fil-fehma ta’ dik il-Qorti, t-trapass taz-zmien jista jagevola lil persuna akkuzata ai fini ta’ piena meta huwa juri li tul dak z-zmien, hu jkun zamm lura mill-ksur serju tal-ligjijiet u wera’ certu mpenn biex jirriforma. Il-bqija tkun ingustizzja li xi hadd jibbenefika minn tul ta’ zmien zejjed fil-process specjalment jekk dak t-tul ikun in toto jew in parte kagjonata jew pprovdiet minnu stess.

Issa f’dan il-kaz, huwa veru li l-proceduri damu zmien konsiderevoli, pero qabel xejn jigu rilevat li quddiem din il-Qorti kif preseduta, l-atti gew quddiemha nhar l-hamsa w

ghoxrin ta’ Novembru 2005, sebgha xhur ilu u f’dan il-perjodu daqstant qasir, din il-kawza nstemghet ghaxar darbiet. Illi ghalhekk semmai, d-dewmien sar quddiem din l-Qorti diversament preseduta.

Din il-Qorti ghalhekk, ezaminat l-process kollu u jirrizulta li qabel ma gie mghoddi lilha, kienu nzammu erbgha w erbghin seduta u f’hafna minn dawn is-seduti, l-imputat ma deherx jew kien assenti. Infatti, l-prosekuzzjoni lestiet mill-provi taghha fis-sitta w ghoxrin ta’ Jannar 2001 u minn dakinhar ‘l hawn, d-difiza talbet diversi differimenti sabiex thejji d-difiza taghha. Bizzejjed jinghad li l-imputat biddel hames avukati f’din il-kawza, fosthom Dottor Michael Grech, Dottor Emanuel Mallia, Dottor Angelo Farrugia, Dottor Jose Herrera u Dottor Roberto Montalto. L-imputat ripetutatment ghal ragjuni jew ohra talab differimenti u kien ghalhekk li ma gie registrat ebda progress ghal zmien twil.

Wara li ezaminat b’mod approfondit l-atti tal-kawza, din il-Qorti tikkonkludi mhux biss li l-awtoritajiet koncernati wrew diligenza fl-andament kollu tal-proceduri, imma li l-intoppi li nholqu biex jintilef dak s-sens t’urgenza u direzzjoni mill-aspett proceduralі kien fil-bicca l-kbira tieghu, attribwibbli lid-difiza rappresentanti tal-imputat. Huwa minnu li dan l-oneru ta’ diligenza specjali fuq l-andament tal-proceduri hu mixhut fuq l-awtoritajiet u mhux fuq l-akkuzat. Imma jekk il-Qorti tal-Magistrati diversament preseduta dehret indulgenti fl-ghoti ta’ numru ta’ differimenti, u li allura ndirettament kellhom l-effett li jtawwlu l-process kriminali, tali indulgenza giet akkordata in konsegwenza tat-talbiet da parti tal-akkuzat, kwindi jfisser wkoll li dak li gie koncess minn dik l-Qorti, sar a beneficcju tal-akkuzat u mhux bil-maqlub.

Illi l-akkuzat ghandu kull dritt li entro l-limiti ta’ dak li hu permess mill-ligi, jaghzel dik il-linja ta’ difiza li tkun l-ahjar ghalih, izda mbaghad m’ghandux d-dritt li joqghod itawwal l-proceduri hu stess, taht pretest jew iehor, biex imbaghad jipprova jdawwar dan l-vantagg ghat-talba tieghu ghal riduzzjoni fil-piena f’kaz ta’ htija.

Illi dak li l-Qorti sejra tqis meta tigi biex tapplika l-piena f'dan l-kaz hu s-segwenti:

1. Il-fatt li l-imputat kellu fedina penali relattivament nadifa meta tressaq l-Qorti u kellu biss reat wiehed registrat fuqha fis-sena 1994, meta nstab hati ta' sewqan traskurat u perikoluz u li ma jidhirx mill-atti li minn dakinhar 'l hawn nstab hati ta' xi reati ohra;

2. Illi l-piena applikabbli ghal kaz u cioe ta' pussess u traffikar tad-droga nbidlet miz-zmien minn meta l-imputat tressaq il-Qorti permezz tal-Att numru 11 tas-sena 1998, ghaliex llum il-gurnata l-piena saret hafna aktar harxa. Meta l-imputat tressaq il-Qorti nhar l-ghoxrin ta' Awissu 1997, il-piena f'kaz ta' htija t'akkuza dwar traffikar ta' droga, meta bniedem jigi gudikat quddiem il-Qorti tal-Magistrati, skond l-kontr'ordni mahrug mill-Avukat Generali, kienet multa ta' mhux inqas minn mitejn lira maltin izda mhux aktar minn elfejn lira maltin w il-piena ta' prigunerija ghal zmien minn sitt xhur u mhux izjed minn erbgha snin.

Issa, permezz tal-artikolu 4 tal-Att numru 11 tas-sena 1998, l-piena inbidlet w illum il-posizzjoni hi li piena ghal traffikar tad-droga ecstasy, li tista tinghata mill-Qorti tal-Magistrati, hija ta' prigunerija ghal mhux inqas minn sitt xhur izda mhux aktar minn ghaxar snin u multa ta' mhux inqas minn mitejn lira maltin izda mhux izjed minn hamest elef lira maltin.

In oltre, bl-Att numru 11 tas-sena 1998, il-legislatur ipprovda bl-artikolu 4, li f'kaz ta' htija ta' traffikar tad-droga, l-artikoli 21 u 28A tal-Kap 9 w d-disposizzjonijiet tal-Att dwar il-Probation tal-Hatjin, ma jkunux applikabbli dwar xi persuna misjuba hatja ta' reat ta' traffikar. Naturalment wkoll din l-emenda ma taffettwax l-kaz odjern.

Illi r-reati akkuzat bihom l-imputat, saru qabel din l-emenda w ghaldaqstant, l-imputat jista jiobbenefika mill-artikolu 28A tal-Kap 9 tal-Ligijiet ta' Malta.

Irid isir referenza hawnhekk wkoll ghal artikolu 27 tal-Kap 9 tal-Ligijiet ta' Malta fejn jipprovdi s-segwenti:

*"Jekk il-piena stabbilita mill-ligi li tkun ssehh fiz-zmien tal-kawza u dik li kienet fis-sehh fiz-zmien li sar r-reat ma jkunux xorta wahda, ghandha tinghata l-piena lanqas gravi."*

Ghalhekk fid-dawl tas-suespost, il-piena li sejra tinghata minn din l-Qorti, trid tkun dik ezistenti ta' meta sar r-reat u cioe qabel ma saru l-emendi fuq citati permezz tal-Att numru 11 tas-sena 1998 u l-Att VI tas-sena 2000.

3. Il-Qorti qed tqis wkoll d-dewmien tal-proceduri u l-fatt li l-imputat ghamel kwazi ghaxar snin tiela l-Qorti t'Ghawdex.

4. Rat wkoll l-fatt li tul dan il-perjodu pjuttost twil, l-imputat dejjem attenda ghas-seduti u dejjem osserva l-kundizzjonijiet moghtija fil-liberta provizorja.

**Il-Qorti** ghalhekk, wara li rat l-artikoli tal-ligi u partikolarment l-Avviz Legali 22/1985, GN 292/1939 kif sussegwentement emendat bl-Ordinanza dwar il-Medicini Perikoluzi Kap 101, l-artikolu 120A, 2A tal-Kap 31, l-artikolu 8 tal-Kap 101 u artikolu 141 tal-Kap 9 tal-Ligijiet ta' Malta, **tiddikjara li ssib lil imputat ANTHONY JOSEPH PORTELLI hati tal-akkuza ta' pussess u traffikar ta' droga psikotropika u ristretta [ecstasy] ghar-ragunijiet fuq imsemmija u talli kkommetta reat li huwa kien fid-dmir li jimpedixxi, u tikkundannah ghal piena karcerarja ta' sentejn sospizi ghal erbgha snin bl-applikazzjoni tal-artikolu 28A tal-Kap 9 tal-Ligijiet ta' Malta.**

**Oltre dan qed tikkundanna lil imputat ghal hlas ta' multa ta' elfejn lira maltin [LM 2000] filwaqt li tiddikjara li ma ssibux hati tal-akkuzi l-ohra u tilliberah minnhom.**

**F'kaz li din il-multa ma tithallasx fi zmien sitt [6] xhur mill-lum, din ghandha tigi konvertita awtomatikament f'sitt xhur prigunerija ai termini tal-artikolu 11(3) tal-Kap 9 tal-Ligijiet ta' Malta**

**Tordna li d-droga esibita f'dawn l-atti tigi distrutta u ghal dan l-ghan qed tinnomina lil Ispizjar Mario Mifsud sabiex jirtirha minn dawn l-atti u jiddistruggiha.**

**Il-Qorti qed tilqa t-talba tal-prosekuzzjoni sabiex ai fini tal-artikolu 533 tal-Kap 9 tal-Ligijiet ta' Malta sabiex l-imputat ihallas l-ispejjes involuti fin-nomina tal-espert Dottor Anthony Abela Medici nominat f'dan il-kaz fl-ammont ta' wiehed u hamsin lira maltin [LM 51] u tordna li l-imputat jaghmel dan fi zmien gimgha mill-lum.**

**Tordna l-konfiska tad-dghajsa esibita fl-atti favur il-Gvern ta' Malta.**

**Tordna li kopja ta' din is-sentenza tigi notifikata lid-Direttur tal-Qorti sabiex jiehu hsieb l-gbir tal-multa u l-ispejjes involuti fin-nomina tal-espert f'dan il-kaz.**

**< Sentenza Finali >**

--------------------------------TMIEM--------------------------------